MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Appell Civili Numru. 764/2002/1

**Philip Cauchi**

**v.**

**Doris Pace**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Lulju, 2002 l-attur ippremetta, illi l-attur kien xtara bi flusu in kontanti, karozza gdida tat-tip Toyota

Tercel li ggib in-numru ta’ registrazzjoni JBB-532; illi l-prezz ta’ din il-karozza kien ta’ sitt elef lira Maltin (LM6,000), liema prezz thallas interament minnu; illi hu kien ilu jikkonvivi mal-konvenuta ghal dawn l-ahhar snin; illi l-attur, dak iz-zmien ta’ l-akkwist tal-vettura kien ghaddej minn problemi matrimonjali, u kwindi, kien pogga il-vettura fuq isem ommu; illi sussegwentement hu ta struzzjonijiet lill-ommu biex titrasferixxi l-vettura fuq isem il-konvenuta li kellha dak iz-zmien relazzjoni intima mieghu (l-attur); illi attwalment kien hemm problemi ta’ natura personali bejn l-attur u l-konvenuta, liema problemi huma tali li wasslu ghat-tmiem tar-relazzjoni taghhom; illi l-konvenuta, wara li sfaxxat ir-relazzjoni ta’ bejnha u bejn l-attur, qed tirrifjuta li titrasferixxi il-vettura Toyota Tercel numru ta’ registrazzjoni JBB-352 fuq isem l-attur, u anki hedditu li ser tbiegh l-istess vettura lil terzi;

Dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:

“1. Tiddikjara li l-vettura Toyota Tercel numru ta’ registrazzjoni JBB-532 hija proprjeta` ta’ l-attur;

“2. Tikkundanna lill-konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju tersaq ghat-trasferiment tal-vettura *de quo* minn fuq isimha ghal fuq isem l-attur.

“3. Tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kuratrici fuq it-trasferiment ta’ l-imsemmija vettura kif fuq inghad.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.”

B’nota pprezentata fil-21 ta’ Ottubru, 2002 il-konvenuta eccepiet;

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi billi l-eccipjenti kienet akkwistat il-vettura in kwistjoni bi tpartit ma’ Peugeot 306 numru FBJ-441, minghand omm l-attur.

2. Illi konsegwentement hija biss omm l-attur li tista’, jekk ikun il-kaz, tagixxi fuq dak in-negozju, u f’kaz li dan jigi ghal xi raguni mahlul jew rexxis, il-vettura Toyota

Tercel tkun trid tigi trasferita lura fuq omm l-attur u waqt li l-Peugeot 306 numru FBJ-441 tigi ritornata u registrata mill-gdid fuq isem l-eccepjenti.

3. Illi ghalhekk dan il-gudizzju mhuwiex integru.

4. Illi ghalhekk it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

**IS-SENTENZA APPELLATA.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fis-16 ta’ Ottubru, 2006 billi laqghat l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta u cahdet it-talbiet attrici kif proposti, b’riserva ghal kull azzjoni ohra illi tista’ tkun spettanti lill-attur. Finalment ordnat li l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti, u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-
“Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza kienu dawn. Il-kontendenti kienu f’relazzjoni illi issa ntemmet. Irrisolvew xi kwistjonijiet ohra li kellhom izda mhux dik odjerna u cioe` li l-attur qed isostni li l-vettura JBB-532 tal-marka Toyota Tercell hija tieghu ghalkemm registrata f’isem il-konvenuta u qed tigi wzata minnha. Ghalhekk qed jitlob li din tigi moghtija lilu ghaliex qed jghid li kien irregistraha f’isem il-konvenuta minhabba proceduri ta’ separazzjoni li kellhu ma’ martu biex din ma tkunx tista taghmel xi talba dwar il-vettura. Min-naha taghha l-konvenuta qed tghid li l-vettura hija taghha ghaliex kienet skambjata ma’ vettura ohra tat-tip Peugoet ma’ omm l-istess attur.

“Fil-gbir tal-provi nqalghet certa konfuzjoni minhabba li ssemmew tlett vetturi. Infatti fl-affidavit ta’ l-attur a fol. 18, hu jghid illi kien xtara l-vettura in kwistjoni hu izda harigha fuq isem ommu Maria Dolores Cauchi. Fl-istess zmien xtara wkoll Peugeot 306 numru FBJ 441 (xi sena wara) u harigha fuq isem il-konvenuta. Dan dejjem minhabba li kellu ghaddejjin il-proceduri ta’ separazzjoni. Skond hu, fuq insistenza tal-konvenuta kkonvinca lil ommu biex jibdlu l-vetturi u hekk ghamlu. Ta’ min jghid li malli saret il-bidla saret ukoll bidla fl-uzu tal-vetturi mill-istess ommu u l-konvenuta. Eventwalment il-Peugeot 306 giet trasferita lil

ohtu minghand ommu. Vettura ohra Peugeot 106 li kienet tieghu kien, fi kliemu; “nehhiha”.

“Il-konvenuta da parti taghha tghid illi l-vettura Peugeot 306 xtratha hi u ezebiet anke ricevuti f’isimha. Minn dawn jidher li thallset is-somma ta’ erbat elef u mitejn Lira Maltin (Lm4,200) minghand Antoine Auto Dealer u r-ricevuta qeghda f’isem il-konvenuta. Madankollu meta giet kontro-ezaminata, fil-fehma tal-Qorti, ma tantx kienet konvincenti mill-provenjenza tal-flus. Insistiet li hadet tmien mitt Lira Maltin (Lm800) minghand zewgha fil-kuntratt ta’ separazzjoni (meta skond il-kuntratt relattiv dawn kellha tehodhom permezz ta’ hlasijet rateali) u kienet gemmat il-kumplament, izda hareg mill-provi li hi qatt ma hadmet fis-snin ricenti u ghalhekk il-Qorti hija konvinta li l-flus gew mill-kont bankarju f’isem omm l-attur (Dok DC – fol 23) li jindika li ttiehdu minnu erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) u allura l-istess data tar-ricevuta. Huwa ukoll verosimili li l-kont imsemmi kien f’isem omm l-attur minhabba l-problemi matrimonjali tieghu – fatt ikkonfermat mill-istess ommu. Dan apparti l-fatt li l-Qorti ma kienitx lanqas konvinta mid-deposizzjoni tal-konvenuta meta giet kontro-ezaminata.

“It-talba ta’ l-attur ghalhekk hija bbazata fuq l-istitut ta’ l-hekk imsejjah *prestanome* u cioe` meta persuna takkwista akkont ta’ persuna ohra b’mod li r-relazzjoni bejn il-mandant u l-mandatarju ma tkunx a konoxxenza ta’ terzi izda semplicement ftehim bejn dawn il-persuni. Fil-kawza fl-ismijiet Professur Anthony Mamo noe vs Charles Sant Fournier (Qorti ta’ l-Appell 2 ta’ Mejju, 1957) intqal hekk;

“Illi l-mandatarju *prestanom* huwa dak illi apparentement jezercita drittjiet ta’ proprjetarju mentri fir-realta` mhux hlief il-mandatarju. Meta hu, f’din il-kwalita` ta’ mandatarju *prestanom,* jakkwista l-proprjeta` tal-haga mmobbli, ikun hemm att pubbliku li bih tigi trasferita l-proprjeta` tal-haga u konvenzjoni sigrieta fis-sens li huwa, pretiz akkwirenti mhux hlief mandatarju. Ghar-rispett ta’ terzi jibqa’ l-principju illi rispett ghal dawn, il-konvenzjonijiet segreti li jidderogaw ghall-konvenzjoni palesi, ma jipproducu ebda effett. Imma bejn il-mandant u l-*prestanom* il-konvenzjoni

vera tipprevalixxi ghall-konvenzjoni apparenti u d-drittijiet u l-obbligi tal-mandatarju *prestanom* jigu retti mil-ligi tal-mandat u l-hwejjeg minnu akkwistati jappartjenu kwindi lill-mandant.

“Fil-kawza deciza minn din il-Qorti fit-28 ta’ Jannar, 2004 fl-ismijiet Emanuel Frendo vs Carmelo Azzopardi et gie citat il Pothier (Mandato Capo II Sezione iii para 2 No 59) – *“Se io ho incaricato taluno di comperarmi una certa cosa il mandatario che si e’ incaricato del mio mandato e che ha comprato e che si e’ fatto consegnare la cosa, deve restituirmela, ancorche ne avesse fatto l’ acquisto in su nome*.”

“F’dan il-kaz pero` l-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm indubbjament il-vettura Peugeot giet akkwistata minn fondi li ma kinux tal-konvenuta, l-intenzjoni ta’ l-attur ma kinitx semplicement li l-vettura tigi akkwistata ghan-nom tieghu izda illi jaghti l-vettura lill-konvenuta bhala rigal u dan tenut kont tar-relazzjoni ta’ intimita` illi kien hemm bejniethom. Infatti meta sar it-trasferiment fir-registrazzjoni tal-vetturi l-konvenuta u omm l-attur bidlu wkoll l-uzu reciproku tal-vetturi. Kieku l-vettura giet akkwistata strettament a nom ta’ l-attur, ma kien hemm xejn x’izommu milli juzaha hu. Ghalhekk il-Qorti ghandha l-konvinciment illi l-attur kellu l-fehma li l-vettura tintuza mill-konvenuta minhabba li kienu f’relazzjoni bejniethom. Allura lanqas ma jirrizulta li l-vettura li dwarha saret it-talba kien hemm intenzjoni li tigi akkwistata f’ismu. L-attur imbaghad talab il-vettura ghalih meta din ir-relazzjoni ntemmet.

“Naturalment allura tidhol il-kwistjoni jekk gewx sodisfatti r-rekwisiti ta’ donazzjoni ta’ certu valur skond id-dettami tal-Kodici Civili izda din il-Qorti ma tistax tidhol fiha ghaliex l-attur mhux qed jattakka d-donazzjoni (li fil-fehma tal-Qorti saret) f’din il-kawza. Ghalhekk it-talba attrici kif proposta ma tistax tigi milqugha, ghalkemm se jkun hemm temperament fil-kap ta’ l-ispejjez minhabba l-insistenza li fil-fehma tal-Qorti hija inveritjiera, da parti tal-konvenuta, illi l-vettura msemmija iktar qabel akkwistatha hi bi flusha.”

## L-APPELL TA' L-ATTUR.

L-attur hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u b'rikors intavolat fis-26 ta' Ottubru, 2006 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tikkancella s-sentenza msemmija billi tilqa' t-talbiet attrici u tichad l-eccezzjonijiet kif sollevati mill-konvenuta appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

Il-konvenuta pprezentat sew risposta ghall-appell intavolat mill-attur kif ukoll appell incidentali u filwaqt li, ghal dak li huwa l-appell principali, talbet li dan jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kontra l-attur appellant, fl-appell incidentali talbet riforma tas-sentenza appellata billi din il-Qorti tirrevoka u thassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti rrizervat favur l-attur appellant kull azzjoni ohra illi tista' tkun spettanti lilu in konnessjoni ma' l-allegata donazzjoni u dana bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

Effettivament l-appell principali intavolat mill-attur gie dikjarat dezert fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 2008 in vista tal-fatt li ma gietx depozitata l-kawtela skond il-ligi u ghalhekk din il-Qorti mhux ser tiehu aktar konjizzjoni tieghu. Jifdal ghalhekk li jigi kunsidrat l-appell incidentali tal-konvenuta u l-aggravji hemm imressaq li jikkoncernaw:
a) il-fatt li l-ewwel Qorti ibbazat id-decizjoni taghha fuq it-titolu tal-Peugeot 306 qabel it-tpartit, u

b) il-fatt li l-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti.

## IKKUNSIDRAT:

F'dawn il-proceduri l-attur kien qed jitlob li jigi dikjarat li l-karozza Toyota Tercell numru ta' registrazzjoni JBB-532 hija proprjeta` tieghu u li konsegwentement il-konvenuta tigi kundannata li tersaq ghat-trasferiment tal-istess vettura minn fuq isimha ghal fuq ismu. Fil-premessi tac-

citazzjoni l-attur spjega li huwa kien xtara din il-vettura bil-prezz ta’ LM6000 u, minhabba problemi matrimonjali, kien irregistra l-istess vettura f’isem ommu. Spjega wkoll li dawk iz-zminijiet huwa kellu relazzjoni intima mal-konvenuta u kien ta istruzzjonijiet lill-ommu biex l-imsemmija vettura tigi trasferita f’isem l-istess konvenuta; biss, stante li r-relazzjonijiet bejnu u l-konvenuta kienu ddeterjoraw, huwa issa qed jitlob li din il-vettura terga’ tigi registrata f’ismu.

L-ewwel Qorti ezaminat l-kwistjoni kollha li kien hemm bejn l-attur, il-konvenuta u omm l-istess attur b’referenza partikolari ghall-istitut ta’ *prestanome* billi rrizultaha li l-vettura Toyota Tercell giet registrata f’isem il-konvenuta b’effett ta’ tpartit li kien sehh ma’ vettura ohra li kienet registrata f’isimha u li l-konvenuta tghid li kienet taghha. Din kienet il-Peugeot Nru FBJ-441. L-ewwel Qorti f’dan il-kuntest waslet ghall-konkluzzjoni li l-Peugeot kienet in realta` thallset mill-attur u registrata f’isem il-konvenuta mhux bhala *prestanome* izda billi dan, minhabba r-relazzjoni intima li kellu maghha, kien iddonalha l-istess vettura. Dik il-Qorti ghalhekk cahdet it-talba ta’ l-attur.

Il-konvenuta hasset ruhha aggravata b’din is-sentenza principalment billi l-ewwel Qorti, fil-konsiderazzjonijiet taghha, agixxiet *ultra petita* meta ikkunsidrat il-posizzjoni tal-vettura Peugeot u li din setghet kienet inghatat b’donazzjoni lill-konvenuta. Dan billi, skond il-konvenuta, il-proprjeta` ta’ din il-Peugeot qatt ma kienet mertu tal-kawza in kwistjoni billi din titratta biss dwar t-Toyota Tercell. Ghalhekk, skond il-konvenuta, l-ewwel Qorti qatt ma setghet tippronunzja ruhha fuq materja li mhux in kawza u anqas u anqas li tirrizerva xi drittijiet favur l-attur dwar l-validita` o meno ta’ l-istess donazzjoni.

Kif gja` nghad fuq, l-appell tal-attur gie dikjarat dezert u konsegwentement it-talba tieghu ghad-dikjarazzjoni li t-Toyota Tercell tigi dikjarat proprjeta` tieghu, llum ma jistax jkollha ezitu favorevoli billi c-cahda ta’ din it-talba ghaddiet in gudikat. B’dana kollu din il-Qorti tara n-necessita` ta’ l-appell incidentali propost mill-konvenuta billi l-attur inghata spunt biex jintavola proceduri ohra, fuq premessi

godda u cioe` dawk tad-donazzjoni, li jistghu jolqtu avversament l-interessi taghha b'dana li gja` hemm pronunzjament fis-sentenza appellata.

Minn ezami tal-premessi u talbiet fic-citazzjoni din il-Qorti tati ragun lill-aggravju tal-konvenuta u dana billi jidher car li d-drittijiet tal-konvenuta fuq l-vettura Peugeot qatt ma jissemmew fic-citazzjoni u konsegwentement qatt ma setghu jigu diskussi mill-ewwel Qorti. Li jirrizulta zgur hu li f'certu mument l-attur talab lil ommu li titrasferixxi l-vettura Toyota Tercell, li kienet inxtrat minnu u registrata f'isem ommu – u hawn tidhol il-kwistjoni ta' *prestanome* – ma' Peugeot li kienet registrata f'isem il-konvenuta. Dan it-trasferiment ghalhekk kien, ghal kull fini u effett tal-ligi, trasferiment b'titolu oneruz u l-ewwel Qorti ma kellha ebda dritt tindaga jekk il-vettura Peugeot, li kienet registrata f'isem il-konvenuta, effettivament kinitx xtratha hi bi flusha jew bi flus l-attur. Din il-kwistjoni qatt ma issemmiet fic-citazzjoni. Jidher ghalhekk li t-talba attrici qatt ma setghet tirnexxi. Dan l-aggravju ghalhekk jirrizulta gustifikat.

**IKKUNSIDRAT:**

Dwar il-mod kif gew apporzjonati l-ispejjez il-konvenuta qed tilmenta li hija giet kundannata thallas parti mill-ispejjez billi l-ewwel Qorti ordnat li dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Dwar dan l-ewwel Qorti, wara li kkunsidrat il-mertu, osservat hekk:
"*Ghalhekk it-talba attrici kif proposta ma tistax tigi milqugha, ghalkemm se jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez minhabba l-insistenza li fil-fehma tal-Qorti hija inveritjera, da parti tal-konvenuta, illi l-vettura msemmija iktar qabel* [il-Peugoet] *akkwistatha hi bi flusha*"

Kien ghalhekk li l-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Issa jekk, kif inghad hawn fuq, il-proprjeta` tal-vettura Peugeot u minn hallas ghaliha jew ma hallasx, ma kienx mertu tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti li konsegwentement ma setghetx tippronunzja ruhha fuq dan il-punt, daqstant l-ewwel Qorti ma setghetx

tikkunsidra din il-kwistjoni ghall-fini tal-kap tal-ispejjes billi din kienet kompletament *extra petita*. Isegwi li l-konvenuta ma setghet qatt tbati parti mill-ispejjez fuq kwistjoni li ma kienitx in kawza u specjalment meta t-talbiet attrici gew kollha michuda.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti fl-ewwel lok tiddikjara li mhux qed tiehu konjizzjoni tal-appell intavolat mill-attur billi dan gie dikjarat dezert; u fit-tieni lok tilqa' l-appell incidentali tal-konvenuta billi tikkonferma s-sentenza appellata, ghal dak li huwa mertu, biss ghal ragunijiet differenti minn dawk moghtija mill-ewwel Qorti u kif spjegat hawn fuq, u thassar dik il-parti tas-sentenza fejn jinghad "b'riserva ghal kull azzjoni ohra illi tista' tkun spettanti lill-attur";

Tirrevoka wkoll is-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjez u minflok tikkundanna lill-attur ihallas l-ispejjez kollha, kemm dawk tal-ewwel istanza kif ukoll dawk ta' dan l-appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------